MINUTI

Laqgħa b'Urgenza tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

**It-Tnejn, 18 ta' Jannar, 2021**

Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Kbira San Ġużepp fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Robert Sarsero | Perit |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## Qari tal-ittri ta' apoloġiji

F'din il-laqgħa s-Sindku informa lill-membri lis-Sa Courtney Farrugia kienet indisposta minħabba l-eżitu tax-xogħol professjonali tagħha.

## 29.1 *Central Local Plan*

Is-Sindku informa lill-membri li kien meħtieġ sabiex isejjaħ din il-laqgħa minħabba li l-Kunsill irċieva notifika fuq l-emendi proposti fuq is-*Central Local Plan*. Huwa qal li ikkonsulta mal-Perit u għaldaqstant stieden lill-Perit tal-Kunsill sabiex jinforma lill-membri bil-pjan li hemm.

Il-Perit nforma lill-kunisll li wara studju li sar qed ikun propost sabiex jitbiddel il-*height limitation.* Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill qabel li ssir rappreżentazzjoni t'oġġezzjoni fuq dak li qed ikun propost ġaladarba ser ikunu milquta r-residenti ta' Santa Venera speċjalment dawk taż-żona tal-Palazz l-Aħmar.

Il-punti mressqa li jrid ikunu fl-oġġezzjoni huma li ġejjin:

- Filwaqt li l-proposti mressqa f'din ir-reviżjoni ta' Pjan lokali jista' jippermetti għal aktar żvilupp. Fejn mhux qed ikun speċifikat il-limitu ta l-ogħli tal-bini ta' żvilupp ġdid ġewwa ż-żona ndikata. Dan joħloq theddida potenzjali ta' żieda konsiderevoli fl-gholi fiz-żona.u b'hekk ikollha impatt negattiv fuq ir-residenti tal-viċinanzi. Dan l-għoli tal-bini potenzjalment iġib miegħu r-riskju ta' żieda fid-densita tal-iżvilupp fiż-żona fejn diga' huwa żviluppat b'mod dens ħafna u mifni bit-traffiku u provvista ta'parkeġġ hija waħda limitata. Għalhekk iż-żieda fid-densita tal-iżvilupp fiż-żoni msemmija ser jkollhom impatt negattiv fuq l-akwata.

Wara diskussjoni, il-Membri qablu munanimament ma' din il-proposta fuq l-oġġezzjoni. Ġie deċiż ukoll sabiex tinħareġ *Press Release* fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali.

Il-laqgħa intemmet fis-6.20pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum ta' 8 ta' Frar, 2021